MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2007

Numru 1114/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
**v**

**SIMON ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SIMON ZAMMIT** ta' disgha w tletin sena bin il-mejjet Alfonso u Maria Assunta nee Bajada, imwieled Pieta nhar t-tnax ta' Marzu 1967 u residenti 'Timmat', Flat 1, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 140367M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2006, u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, personalment jew bhala direttur, azzjonista, rapprezentant legali jew guridiku, jew

segretarju tal-kumpanija Island Turnkey Company Limited (numru ta’ registrazzjoni C32012):

1. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta’ aktar minn mitt lira izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta’ Mary Bonnici, Lucy Bonnici u Rosaria Bonnici, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

2. talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira ghad-dannu ta' Mary Bonnici, Lucy Bonnici u Rosaria Bonnici;

3. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta’ aktar minn mitt lira izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta’ Sabrina Abela, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

4. talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira ghad-dannu ta' Sabrina Abela;

5. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta’ tmienja w sebghin lira maltin ghad-dannu ta’ Frans Scerri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

6. tali fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ tmienja w sebghin lira maltin ghad-dannu ta' Frans Scerri;

7. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta’ aktar minn mitt lira izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta’ David Fenech, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

8. talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn mitt lira maltin imma inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' David Fenech;

9. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta’ aktar minn mitt lira izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta’ Alan Camilleri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu

minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

10. talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitt lira maltin imma inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Alan Camilleri;

11. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' mitejn u hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Alex Vella, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

12. talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' mitejn u hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Alex Vella;

13. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' mitejn u sebghin lira maltin ghad-dannu ta' Mark Mercieca u Rachael Mercieca, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

14. talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann,

jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' mitejn u sebghin lira maltin ghad-dannu ta' Mark Mercieca u Rachael Mercieca;

15. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' mitejn u sebghin lira maltin ghad-dannu ta' Mario Spiteri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

16. talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' mitejn u sebghin lira maltin ghad-dannu ta' Mario Spiteri;

17. talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-piena stabbilita bil-ligi, tordna wkoll l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lil imputat ihallas l-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2006 bhala dokument IA1 a fol 16 w il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa w ghoxrin ta'

Ottubru 2006 esibit bhala dokumenti CSH a fol 19 tal-atti odjerni, sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2006 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.
Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehed l-Ispettur Ian Joseph Abdilla** [fol 16A] fejn qal li fil-bidu ta' Ottubru 2006 kienet ghamlet kuntatt mieghu Dr. Theresienne Bezzina, mill-ufficju tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni Gusta fejn din infurmatu li d-divizjoni kienet qed tircevi diversi *complaints* minghand il-pubbliku fir-rigward ta' attivita li kien qed jaghmel Simon Zammit, li kien il-proprjetarju tal-kumpanija Island Turnkey Company Limited u staqsietu jekk il-pulizija setghetx tiehu azzjoni f'dawn l-affarijiet. Qal li hu kien infurmaha li hu kien semgha b'Simon Zammit u seta kien hemm kaz ta' frodi w ghalhekk qalilha biex tikkuntattja lill-klienti kollha tad-divizjoni u tistaqisehom jekk dawn kienux interessati li d-divizjoni tghaddi d-dettalji taghhom lill-pulizija biex ikunu jistghu jkellmuhom.

Sussegwentement, kompla jghid x-xhud, fit-tmintax ta' Ottubru, hu kien ircieva *e-mail* bid-dettalji ta' tmien persuni li kienu talbu lid-dipartiment li xtaqu li jiehdu l-kaz taghhom quddiem il-pulizija. Qal li bejn l-ghoxrin w il-wiehed w ghoxrin ta' Ottubru 2006, fl-ufficju tieghu kien kellem lit-tmien persuni li xtaqu jaghmlu rapport kontra Simon Zammit.

Spjega li l-ewwel persuna li kellem kienet Maria Bonnici, li kienet marret taghmel rapport ghan-nom ta' ommha, Rosaria Bonnici, fejn din qaltlu li wara li rat riklam fil-

gazzetta, kienet kkuntattjat lil Simon Zammit biex jaghmillha xi xoghol ta’ Turnkey Construction gewwa l-proprjeta taghhom u sussegwentement dawn kienu ffirmaw kuntratt fit-tmintax ta’ Settembru 2004 ghal xoghol li kellu jigu jiswa elf u tmenin lira maltin. Qal li l-imputat inghata erbgha mitt lira bhala depositu, *part payment* fuq dan il-kuntratt. Qal li Maria Bonnici nfurmatu li l-imputat Simon Zammit kien beda jaghmel xi xoghol skond il-kuntratt, izda waqaf u sussegwentement kien talabhom biex jaghtuh erbgha mitt lira u dawn hekk kienu ghamlu, biss imbghad ix-xoghol qatt ma tkompla u meta l-*complainants* kienu kellmu lil imputat presenti fl-awla biex jghaddilhom lura l-flus jew jkompli x-xoghol, tilfu l-kuntatt minn mieghu.

Kompla jispjega li t-tieni persuna li kellem kienet Sabrina Abela minn San Giljan fejn din qalet l-istess, li kienet rat r-reklam tal-imputat u kienet qabbditu biex jaghmel xi xoghol ta’ *tile laying*, xoghol ta’ dawl w ilma fil-post taghha. Qaltlu li dawn kienu ftehmu w iffirmaw kuntratt fl-ewwel ta’ Awissu 2006 sabiex jibda bix-xoghol, liema kuntratt kien gie valutat ghall-prezz ta’ erbgha mija u tmenin lira maltin. Qal li l-imputat inghata depositu ta’ mija u hamsin lira maltin u wara dan id-depozitu, xi granet wara kien nghata disghin lira maltin ohra biex jaghmel dan ix-xoghol, biss l-imputat qatt ma kompla b’dan ix-xoghol. Jghid ukoll li Sabrina Abela kienet wkoll ghamlet tentattivi biex tkellem lil imputat jew biex jaghtiha l-flus lura jew biex jkompli x-xoghol imma dawn it-tentattivi kienu kollha nutli.

Kompla jghid li t-tielet persuna li kellem kien Francis Scerri minn Haz Zabbar fejn dan l-istess, kien qallu li kien qabbad lil imputat wara li kien ra reklam fil-gazzetta, biex jaghmel xi xoghol ta’ ristrutturar fid-dar tieghu, liema xoghol kellu jiswa mija sitta w hamsin lira maltin. Qal li dan il-kuntratt kien gie ffirmat fl-ghaxra ta’ Gunju 2004 u kien hallas tmienja w sebghin lira maltin bhala depozitu pero dan ix-xoghol qatt ma beda minkejja diversi tentattivi biex jiehu l-flus lura jew l-imputat jibda x-xoghol, dan qatt ima sehh.

Kompla jghid li kellem wkoll lil David Fenech minn Haz Zabbar fejn dan wkoll qal li kien kkuntattja lil imputat odjern biex jaghmillu xi xoghol ta' kostruzzjoni u *refurbishment* fil-propjeta tieghu, kien ffirma kuntratt fil-hdax ta' Novembru 2005 ftehmu li x-xoghol kellu jibda u ta' dan kien tah depozitu ta' tmin mija erbgha w sebghin lira maltin. David Fenech qallu li kien qabbdu jaghmillu xi xoghol iehor fuq bicca xoghol ohra ghal prezz ta' erbgha mitt lira maltin. Huwa fil-fatt kien beda imma qatt ma komplih kif suppost.

Zied jghid li tkellem wkoll ma Alan Camilleri minn Haz Zabbar u dan qallu li kien qabbad lil imputat jaghmillu xi xoghol, kienu ffirmaw zewg kuntratti, wiehed nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2005 u iehor xoghol *extra* fis-sitta ta' Ottubru 2005. Alan Camilleri qallu li kien hallsu tlett mija tnejn w erbghin lira maltin bhala depozitu fuq l-ewwel kuntratt u mija erbgha w erbghin lira bhala depozitu fuq it-tieni kuntratt u kien hallsu wkoll mija u sittax il-lira maltin bhala *extra payment*. Spjega li dan ix-xoghol kien beda imma qatt ma tkompla.

Ix-xhud zied jghid li kellem wkoll ma Alex Vella minn H'Attard fejn dan l-istess, spjegalu li kien qabbad lil imputat presenti fl-awla jaghmillu xi xoghol d-dar u kien iffirma kuntratt fis-sebgha ta' Gunju 2003 u kien hallsu depozitu ta' tlett mija u hamsin lira maltin, pero l-istess, ix-xoghol qatt ma beda u sussegwentement l-imputat kien ghadda lura lil Alex Vella, s-somma ta' mitt lira maltin mid-depozitu li kien ghamel.

Qal wkoll li kien kellem lil Mark Mercieca u lil Rachel Mercieca minn H'Attard fejn dawn l-istess qalulu li kienu qabbdu lil imputat jaghmel xi xoghol gewwa l-proprjeta taghhom, kien iffirmat kuntratt fid-disgha ta' Dicembru 2005 u kienu hallsu depozitu ta' mitejn u sebghin lira maltin, pero dan ix-xoghol qatt ma beda.

Spicca biex qal li kien kellem wkoll lil Mario Spiteri minn Ta' Sliema fejn dan kien qabbad lil imputat bl-istess mod biex jaghmillu xoghol gewwa l-propjeta tieghu, kien iffirma kuntratt fid-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2005 u hallas

depozitu ta' mitejn u sebghin lira maltin pero, l-istess, dan ix-xoghol qatt ma beda. Qal li sussegwentement kienu arrestaw lil imputat fl-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2006 u kellmuh w interrogawh fit-tul.

Qal li l-imputat kien rrilaxxja stqarrija ta' tliet faccati fl-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru wara li kien nghata s-solita twissija skond il-ligi fejn iddecieda li jiffirma din l-istqarrija, fejn fuqha gharaf il-firma tieghu fuq it-tlett faccati taghha, dik tal-imputat kif wkoll il-firma ta' PC 273 Tabone bhala xhud ta' din l-istqarrija fejn fir-rigward ta' dawn il-kazijiet kollha, dawn it-tmien kazijiet kien tah spjegazzjoni taghhom liema stqarrija giet immarkata bhala dokument Dok IA 1.

Qal li l-imputat kien ammetta mieghu li effettivament kien ghamel xi kuntratt ma terzi persuni fuq *turnkey project* u li x-xoghol mhux dejjem lestieh pero lanqas l-flus kollha kien lahaq gabar.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehdet Mary Bonnici** [fol 20] fejn qalet li hi kienet rrapurtat lill-pulizija li xi zmien qabel kienet cemplet lill-imputat prezenti fl-awla sabiex jigi jaghmel xi xogholijiet fid-dar tal-mama taghha, fosthom it-tibdil ta' xi saqaf u dan fl-ahhar tas-sena 2004. Ftakret li ltaqghet ma l-imputat u ghamlu ftehim bil-miktub fuq ix-xogholijiet li huwa kellu jaghmel w esebiet dan il-ftehim bhala Dok MB.

Ziedet tghid li hi taghtu erbgha mitt lira maltin meta ghamlu dan il-ftehim u li 'n segwitu ta' dan il-ftehim, l-imputat kien mar ghand ommha, kien biddlilha s-saqaf pero imbghad ma kompliex bix-xoghol. Imbaghad rega mar biex jithallas ta' xoghol li kien ghamel fuq l-appogg, izda hi ma tathux flus qabel kompla bix-xoghol. Qalet li hi kemm il-darba ppruvat iccempillu pero dejjem kien jaqtghalha. Qalet li huma kienu ftehmu l-prezz globali ta' elf u tmenin lira maltin u minn din is-somma flus kienet taghtu erbgha mitt lira maltin. Mix-xoghol li huwa assuma li jaghmel, ghamel biss it-tibdil tas-saqaf, qalet x-xhud. Qalet wkoll li hi kienet taghtu erbgha mitt lira meta kienu ghamlu l-ftehim u sussegwentement kienet taghtu erbgha

mitt lira ohra u b'hekk globalment taghtu tmien mitt lira maltin.

Qalet li mid-Dok MB jirrizulta li l-imputat eventwalment ha tmien mitt lira maltin u baqghalu jaghmel xi xogholijiet, fosthom kisi ta' xi appoggi. Ziedet tghid li l-bilanc ta' mitejn u tmenin lira ghadha ma taghthomlux.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2006 xehed **David Fenech** [fol 23] fejn qal li hu kien xtara post *shell* u kien qed ifittex persuna biex tghaddilu d-dawl u l-ilma. Sussegwentement kien ftiehem ma certu Simon Zammit, l-imputat odjern w ghamlu ftehim bil-miktub tax-xogholijiet li huwa kellu jaghmel u kien ghaddielu pagament ta' tmien mitt lira maltin u kull ma lahaq ghamel kien li ghaddielu t-trinek, ghaliex id-dawl ma ghaddiehx. Qal li l-post li kien xtara kellu pressjoni minn ta' fuqu u minn ta' tahtu sabiex jitkomplew ix-xogholijiet u kien dar fuq l-imputat u qallu biex jhaffef, pero l-imputat talbu s-somma ta' erbgha mitt lira maltin sabiex huwa jibda l-ilma u hu tahahomlu u minn dakinhar 'l quddiem ma sar xejn iktar. Ix-xhud esebixxa kuntratt li gie mmarkat bhala Dok MB 1. Zied jghid li lill-imputat hu hallsu permezz ta' cekkijiet. Spjega wkoll li l-imputat kien ghamel xi xogholijiet ghand ohtu wkoll.

Mistoqsi kemm l-*electrical point* kellu fl-appartament li ried li jsir ix-xoghol fih x-xhud wiegeb li ma kienx jaf bl-ezatt ghalkemm illum il-gurnata dan ix-xoghol tlesta. Qal li l-ftehim li kellu ma l-imputat pero kien li jaghmillu kollox u jipprovdilu x-xogholijiet hu. Qal li hu spicca ghamel ix-xoghol li kien ftiehem mal-imputat ma haddiehor u hallas iktar flus.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehed Alan Camilleri** [fol 30] fejn mistoqsi jekk jafx lill-imputat odjern wiegeb fl-affermattiv. Qal li jiftakar li kien ghamel rapport fil-konfront tal-imputat prezenti fl-awla u dan ghaliex hu kellu jaghmillu xi xoghol ta' *plumbing* u dranagg. Qal li hu kien ghamel kuntratt ma l-imputat dwar l-ilma ghas-somma ta' sitt mitt lira maltin u xi haga fuqhom u kuntratt iehor ghas-somma ta' xi mitejn u tmenin lira maltin. Spjega li mis-somma globali hu kien ghad fadal jaghti lil

imputat s-somma ta’ sebghin lira maltin. Qal li effettivament l-imputat ghamel xogholu pero rrizulta li kellu l-hsara u kellu jaqalghu u jerga jaghmel x-xoghol mill-gdid.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Novembru 2006 **xehed Francis Scerri** [fol 32] fejn qal li hu kellu bzonn lil xi hadd jirrangalu z-zebgha fl-apertura u fittex fil-gazzetti ghal avviz u kien hemm indirizz ta’ Simon Zammit, l-imputat odjern. Qal li ghalkemm hu kien cempillu u l-imputat mar d-dar u ra x-xoghol u qablu fuq prezz. Qal li kellu jaghti lil imputat s-somma ta’ mija hamsa w sittin lira maltin ghax-xoghol. Qal li l-imputat kien talbu jaghtih nofshom meta ghamlu l-ftehim u cioe s-somma ta’ tmienja w sebgin lira maltin u hu tathomlu pero x-xoghol sa dakinhar l-imputat baqa m’ghamlux. Ix-xhud esibixxa l-kuntratt li gie mmarkat bhala Dok MB 3. Qal li ma kienx jaf ghaliex l-imputat ma marx jaghmel x-xoghol ghaliex qatt ma tah risposta ta’ xejn ghalkemm cempillu kemm il darba pero dan baqa m’irrispondihx.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Novembru 2006 **xehed Alexander Vella** [fol 35] fejn qal li hu kien ghamel ftehim ma l-imputat prezenti fl-awla fuq xi xogholijiet li huwa kellu jaghmel fil-propjeta tieghu. Ix-xhud esibixxa dan il-ftehim bhala Dok MB 4. Spjega li hu kien ta lil imputat s-somma ta’ tlett mija u hamsin lira maltin bhala depozitu u kien ghad fadallu jaghtih mitt lira maltin, pero l-imputat qatt ma beda bix-xoghol nonostante li kien tah akkont. Qal li hu baqa jcempillu biex jibda, imbaghad speci l-imputat beda jirtira minnu u tah mitt lira lura u l-mitejn u hamsin lira baqa ma tahomlux sa dakinhar Qal li l-imputat kellu jibda x-xoghol fis-sena 2003.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Novembru 2006 **xehed Mark Mercieca** [fol 39] fejn qal li lill-imputat jafu. Qal li l-imputat kien ghamel avviz fuq il-gazzetta li huwa jaghmel xi xoghol ta’ *plumbing* u elettriku u hu kien ghamel kuntatt mieghu u sussegwentement ghamel kuntratt mieghu dwar xi xogholijiet li huwa kellu jaghmel fil-propjeta tieghu, liema kuntratt esibixxa bhala Dok MB 5. Qal li x-xogholijiet ma sarux u li hu kien ta lil imputat s-somma ta’ mitejn hamsa w sebghin lira maltin bhala akkont fid-

disgha ta' Dicembru 2005. Zied jghid li minn dakinhar l-imputat ma marx jaghmel ix-xoghol ghalkemm hu ghamel diversi tentattivi biex jipprova jaqbdu pero m'irnexxilux u sahansitra anke baghtlu ittra li kopja taghha esibixxa bhala Dok MB 6. Ix-xhud indika lill-Qorti wara li gie muri l-original ta' dawn iz-zewg dokumenti, li hu kien ghadu kif esibixxa li huma mmarkati bhala Dok MB 5 u MB 6 u qal li dawk id-dokumenti huma vera kopja ta' l-istess. Qal li kien ghamel diversi tentattivi biex l-imputat jerga jibda x-xoghol u dejjem kien jghidlu li ser jibda l-gimgha ta' wara pero dan nonostante ma bediex.

Illi nhar l-ghxorin ta' Novembru 2006 **xehed Mario Spiteri** [fol 43] fejn mistoqsi jekk jafx lill-imputat odjern wiegeb fl-affermattiv. Ftakar li kien ghamel kuntratt ma l-imputat dwar xi xogholijiet li huwa kellu jaghmel ta' elettriku u ilma. Esibixxa kopja ta' dan il-kuntratt li gie mmarkat bhala Dok MB 7. Spjega li mal-iffirmar ta' dak il-kuntratt MB 7, hu kien ta lil imputat s-somma ta' mitejn u sebghin lira maltin. Ix-xhud indika l-original ta' dan id-dokument MB 7 kemm lill-ufficjal prosekutur u kif wkoll lid-difiza u lill-Qorti u qal li MB7 huwa kopja ta' l-original.

Illi nhar s-sbatax ta' Jannar 2007 **xehdet Sabrina Abela** [fol 76] fejn qalet li hi kellha bzonn li jsiru xi xogholijiet f'kamra tal-banju u fittxet fuq il-gazzetta u sabet in-numru tal-imputat presenti fl-awla u cemplitlu. Qalet li sussegwentement kienet iltaqghet mieghu fuq il-post fejn kellhom isiru x-xogholijiet u cioe l-Imsida, wrietu x-xoghol li riedet li jsir u ftehmu fuq il-prezz. Qalet li l-ghada ghamlu kuntratt li esibiet bhala Dok SA u poggiet nofs l-ammont bhala depozitu. Qalet li sussegwentement hi kienet tat s-somma ta' mija u hamsin lira lil imputat u gimgha wara taghtu cekk iehor ta' disghin lira u b'hekk giet li taghtu mitejn w erbghin lira maltin b'kollox. Ix-xhud esibiet kopja ta' dan ic-cekk li gie mmarkat bhala Dok SA 1 u kopja ta' cekk ta' depozitu li gie mmarkat bhala Dok SA 2. Ix-xhud uriet l-original tad-Dok SA lil Qorti.

Spjegat li effettivament l-imputat beda x-xoghol u beda jwaqqa l-madum tal-kamra tal-banju. Qalet li pero meta ghaddietlu t-tieni cekk, l-imputat waqaf mix-xoghol w

indunat li x-xoghol ma kienx sar kif suppost. Qalet li qaltlu kemm il-darba biex ikompli u li jekk ma jkomplix x-xoghol kellu jaghtiha flusha lura, pero hu qatt ma taha raguni ghaliex ma riedx ikompli u dejjem qalilha li kien ser imur ikompli pero qatt ma mar. Qalet li skond l-kuntratt l-imputat kellu jaqla l-madum tal-kamra tal-banju li effettivament qala u qala wkoll s-sett tal-istess kamra pero ma remiehx. Qalet li huma kienu ftehmu li taghtih nofs il-flus, kif ghamlet pero ma taghtux l-kumplament. Cahdet li hi kienet qalet lil imputat biex ma jarmix s-sett tal-kamra tal-banju, anzi l-ftehim kien li dan jintrema. Qalet li l-imputat kien ghad ghandu xi ghodda ghandha kif ukoll c-cavetta tal-post. Qalet li meta ma komplix ix-xoghol, u waqfitu, hi kienet talbitu l-flus lura u talbitu wkoll biex imur jigbor l-ghodda li kien halla ghandha u jirritorna c-cavetta pero l-imputat qatt ma ghamel hekk. Qalet li sa dakinhar kien ghad hemm hafna xoghol li kien ghadu ma sarx mill-imputat.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Novembru 2006 **xehed l-Ispettur Joseph Cordina** [fol 73] fejn ikkonferma li l-imputat odjern huwa l-istess imputat imsemmi fis-sentenza esibita bhala dokument CH 1 a fol 52 fejn hu kien l-Ufficjal Prosekutur w Investigattiv.
Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Gunju 2007 **xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** [fol 94] fejn qal li qabel kellu kumpanija bl-isem ‘Island Turnkey Company Limited’ pero ma kienx baqa jaghmel dak x-xoghol u beda jaghmel xoghol ta’ *property negotiator*. Qal li meta kellu il-kumpanija Island Turnkey Company Limited, kien jiehu diversi xogholijiet u jghaddi d-dawl u l-ilma w affarijiet ohra.

<u>Mistoqsi jekk jiftakarx lil Mary Bonnici</u>, x-xhud wiegeb li jiftakar li kienet cemplitlu u talbitu jaghmlilha xi xoghol d-dar taghha, liema xoghol kien effettivament beda. Qal li kien qala s-saqaf tad-dar taghha u sar iehor gdid w anke kien tbaqqan il-hajt ta’ din l-istess kamra. Spjega li kienu anke nqalghu xi katusi li ma kienux fl-istima u ma kienx thallas taghhom u li kien baqa xi xoghol dwar appogg li kellu jitkahhal u jinzebagh li m’ghamilx.

Mistoqsi kemm effettivament kienet hallsitu Mary Bonnici ghal dak x-xoghol, x-xhud wiegeb li taghtu zewg pagamenti ta' erbgha mitt lira kull wiehed, ghalkemm l-istima li kien hareg hu kienet ta' elf u tmien mitt lira maltin. Qal li kien baqa xi xoghol li kien ghad irid isir u talab li jinhatar perit biex jara x-xoghol li kien ghamel hu biex dan jigi stmat.

Mistoqsi ghaliex ma sarx x-xoghol t'appogg, ix-xhud wiegeb li biex dan isir kien hemm bzonn li jghaddi minn ghalqa u kien hemm xi kwistjoni ma sid l-ghalqa peress li ma hallihx jghaddi minn hemm.

<u>Dwar il-kaz ta' David Fenech</u>, x-xhud qal li kien ghamel kuntratt mieghu ta' dawl w ilma u beda x-xoghol billi qattghu trinek u pajpijiet u *wiring*. Qal li meta tlestiet l-kamra tal-banju u beda jahdem fuq l-ilma, David Fenech ma xtaqx li l-pajpjiet tal-ilma jghaddu kien ser jghaddihom hu. Qal li hu kien qallu li ma jifhimx u li jekk kellu xi problema kellu igib perit. Qal li hu kien cempel diversi drabi lil David Fenech u dan kien qabbdu ma ommu li bdiet tghajjat. Qal li fil-fatt kien ghad kellu xi ghodda hemmhekk.

<u>Dwar il-kaz ta' Alan Camilleri</u>, x-xhud qal li kien beda jghamillu xi xoghol qabel ma effettivament kien beda ta' David Fenech, u fil-fatt Alan Camilleri kien gab lil David Fenech fis-sens li qabbdu mieghu u beda jfahhru kemm jahdem tajjeb. Qal li meta kellu kwistjoni ma David Fenech beda jmaqdar x-xoghol kollu. Qal li lil Alan Camilleri kien kwazi lestielu xogholu u ma qabilx li t-tank tal-ilma isir u japplikaw ghal *meter*. Cahad li kien hemm hsarat kif qal fix-xhieda tieghu.

<u>Dwar Frans Scerri</u>, x-xhud qal li dak iz-zmien hu kien taht house arrest u ma setghax imur jahdimlu u li l-flus kienu ghadhom ghandu sa dakinhar. Qal li l-ammont kien ta' tmienja w sebghin lira maltin u li kien lest li jroddhomlu lura.

<u>Dwar il-kaz ta' Alex Vella</u>, x-xhud spjega li kien fl-istess posizzjoni u cioe taht *house arrest*. Qal li kien inghata l-flus minghand Alex Vella biex imur jaghmel x-xogholijiet

una volta li jitnehhielu l-*house arrest*. Qal li kien mar ikellmu u ftehmu li kien ser jghamillu x-xoghol. Qal li pero imbaghad kien sema li kellu xi problema mal-pulizija u kien tah xi haga tal-flus lura tad-depozitu u li kien baqghalu jaghtih mija u hamsin lira maltin.

Ix-xhud kompla jispjega li <u>ma Mark Mercieca</u> kien ghamel ftehim fus stallazzjoni ta’ katuzi u peress li kienet ghamlet hafna xita, kellu l-*basement* mgharraq w ghalhekk ma setghax isir xoghol hemm. Qal li dan kemm il-darba kien jghidlu li kien ser icempillu pero rega’ imtela bl-ilma tax-xita u peress li wara kellu xogholijiet ohra ma kienx mar ghandu. Qal li l-flus ta’ dan kienu ghadhom ghandu u li ried jroddhom lura peress li x-xoghol ma kienx sar.

<u>Dwar Mario Spiteri</u> x-xhud spjega li li hu kien ser jghamillu xoghol ta’ dawl u fil-fatt ghamlu ftehim u peress li kien hemm hafna *wires* mal-hajt kien qallu li ma setghax jahdem kif xtaq. Qal li qallu li l-ewwel kellu jaqla l-*wires* u peress li kien joqghod fl-istess post hu ma kienx lest li jaqla kollox. Ix-xhud qal li ma kienx lest li jiehu riskju li jqatta u jghaddi d-dawl b’dawk il-*wires* kif kienu mdendlin. Qal li kien kellmu fuq xi xoghol ta’ tikhil u dan qallu li ma riedx, ghaliex l-ewwel ried li jghaddi d-dawl. Zied jghid li thallas s-somma ta’ mitejn u hamsin minghandu w x-xoghol m’ghamlux.

<u>Dwar il-kaz ta’ Sabrina Abela,</u> x-xhud qal li x-xoghol kien beda u qala l-madum tal-kamra tal-banju u naddaf il-kamra minn kull ma kien fiha. Zied jghid li fil-post kellhom jidhlu bil-lift pero ma hallewhx u kellu jiehu l-materjal fuq daru. Qal li kien ghad fadallu b’xi elf lira ghodda hemmhekk peress li l-*lock* giet mibdula u li hi kienet qaltlu biex ma jersaqx aktar hemm peress li kienet sejra ghand l-pulizija.
Mistoqsi mill-Qorti jekk ghamilx rapport dwar l-ghodda li ghandu hemmhekk, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li kienu ftehmu li hu jaghtiha mitt lira lura mis-somma pero qatt m’iltaqghu.

Ix-xhud, in kontr’ezami qal li hu kien gie arrestat fl-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2006 pero qabel kien gie wkoll

arrestat darb'ohra u cioe fis-sena 2003, fi zmien Alex Vella. Qal li meta ma baqax arrestat kien kellem lil Alex Vella u dan kien qallu li setgha jibda pero meta mar dan ma hallihx jibda x-xoghol. Qal li kien fadallu bilanc ta' mija u hamsin lira. Qal li l-kaz ta' Frans Scerri u Alex Vella huma l-istess wiehed. Qal li sakemm hallas il-*pledge* ordnat mill-Qorti, kien qed jinzamm l-habs.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkuza principali moghtija mill-prosekuzzjoi fil-konfront tal-imputat hija dik ta' frodi allegatament kommessa minnu fil-konfront ta' diversi nies. Gie akkuzat wkoll bir-reat ta' misapproprazzjoni ndebita w ghalhekk il-Qorti thoss li qabel xejn, ghandha tispjega dawn z-zewg reati fid-dettal taghhom sabiex wara, meta tqis l-apprezzament tax-xhieda prodotta, tkun f'posizzjoni biex tara jekk l-imputat huwiex hati ta' dawn l-istess reati.

Skond s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 1953*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Giuseppe Cauchi:**

*"Ghad-delitt t'approprazzjoni ndebita, jinhtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata, konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok, hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede."*

Fil-fatt, **l-Imhallef Harding** f'din l-istess sentenza, jghid ulterjorment:

*"Xejn ma jiswa biex ihassar dan r-reat, il-fatt li persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha ghax l-azzjoni civilii ndipendenti minn dik l-azzjoni kriminali."*

Skond s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Gunju 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Grima u Henry Micallef**, r-reat t'approprjazzjoni ndebita ai termini tal-artikolu 293 tal-Kap

9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandu tlett elementi ntrinsici u cioe “li jkun zamm il-flus jew oggetti ghalih, ikun;

1. ha flus jew haga ta’ haddiehor li jkunu gew fdati jew ikkunsinnati lilu;
2. taht titolu li jgib mieghu l-obbligu ta’ radd tal-flus jew haga, jew li jsir uzu specifikat minnhom; u
3. kull min japproprja ruhu billi jdawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra”.

Illi ghalhek hu necessarju sine qua non, li l-prosekuzzjoni tipprova li l-ammont ta’ flus jigu wzati privatament bi profit ghal imputat jew ghal haddiehor – irid jigi ppruvat ir-rekwizit tal-qligh u dan mill-prosekuzzjoni sal-grad ta’ minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni.

L-ewwel element tar-reat ta’ misapproprjazzjoni ndebita, mhux l-uzu tal-ingann da parti tal-agent biex jottjeni l-oggetti, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand s-suggett passiv bil-libera volonta ta’ dan.

Fl-approprjazzjoni ndebita, ma jezisti ebda element ta’ frodi.

Issa dan il-kaz m’ghandu xejn minn dan, il-prosekuzzjoni ppruvat li l-imputat ircieva xi flejjes minghand terzi persuni skond diversi ftehim esibiti f’dawn il-proceduri meta huwa kien intrabat li jaghmel xi xoghol.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda li xehdu w anke minn dak li qal l-imputat, li ma giex kontestat mill-prosekuzzjoni, li huwa rcieva flus sabiex jaghmel xi xoghol ta’ *turnkey*. Illi skond dak li qalu x-xhieda, l-imputat ghal diversi ragunijiet, izda f’certi kazijiet ma lahaqx spicca x-xoghol u f’kazijiet ohra x-xoghol li ghamel ma kienx skond s-sengha w l-arti, w ghalhekk gie mwaqqaf u f’kazijiet ohra, ma setghax jesegwixxi l-ftehim minnu assunt ghaliex jew kien arrest jew taht *house arrest*.

Jirrizulta wkoll li kien hemm xi terzi persuni li rega’ bdielhom bl-ingagg tieghu wara li saret taf li l-imputat kien

kiser dufrejh mal-pulizija, f'liema kaz, l-imputat qal li kien lest li jrodd lura l-flejjes li rcieva.

Ghalhekk, f'dan il-kaz, ma jirrizultax li l-imputat ghamel xi konversjoni mill-flejjes li kien ircieva fis-sens li uza l-flejjes li rcieva ghal xi attivita ohra jew sabiex jaghmel xi qligh ghad-dannu ta' min ghaddielu l-flus.

Il-Qorti issa sejra tghaddi biex tiddiskuti r-reat ta' frodi kif kontempat fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-truffa w id-delitti l-ohra ta' frodi affini bdew jigu kkunsidrati b'mod awtonomu fl-ahhar tas-seklu tmintax w it-tuffa, kif nafuha llum, dehret l-ewwel darba, ghalkemm b'isem differenti, fil-Kodici Penali Franciz tas-sena 1810 li fl-artikolu 405 jikkonsidra bhala truffa, l-att ta' dak, li b'ingann, ikun *"escroque ou tente' d'escroquer la totalite' ou partie de la fortune d'autrui."*

It-truffa u d-delitti l-ohra ta' frodi affini bdew jigu kkunsidrati b'mod awtonomu fl-ahhar tas-seklu tmintax u t-truffa kif nafuha llum, dehret l-ewwel darba, ghalkemm f'isem differenti, fil-Kodici Penali Francis fis-sena 1810 li fl-artikolu 405 jikkonsidra bhala truffa l-att ta' dak li b'ingann ikun "*escroque ou tente' d'escroquer la totalite' ou partie de la fortune d'autrui*".

It-terminu 'truffa' wzat anke mill-Kodici Taljan fis-sena 1889 u mill-Codice Sardo kien minflok adoperat mill-Kodici Toskan tas-sena 1853 biex jindika l-approprjazzjoni ndebita, mentri l-vera truffa kif nafuha ahna llum, kienet denominata f'dak il-Kodici bhala '*frode*'.

Fir-relazzjoni tal-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati Taljana, fuq il-progett tal-Kodici Penali tas-sena 1857, (numru CCXXXIII) intqal li:

*"La parola truffa parve piu' adattata del vocabolo frode a designare quella speciale categoria di malefizi in cui l'usurpazione degli averi si commetta con l'inganno e con fraduelenti raggiri e la scelta parve alla Commissione oppoartuna perche' il significato specifico della parola*

*truffa e' piu universalmente penetrate nel linguaggio commune come designativo di una catergoria speciale di delitti commessi mediante l-astuzia e il raggiro della vittima, mentre il vocabolario frode e' preferibilmenta usato per indicare il genere dei malefizi che hanno per loro fondamento la menzogna e l'inganno. Ed in questo significato piu ampia e piu comprensiva viene appunto la parola frode usata in tutta la nostra legislazione e cosi che la scelta di un altro covabolo, destinato a significare una della singole specie di azione compiuta col mezzo della frode, e anche imposta dalla necessita di mettere in armonia il linguaggio del Codice Penale con quello delle altre leggi vigenti."*

Kif intqal fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 1998***, fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Manicolo**:

*"Il-gurisprudenza nostrana dejjem kienet li sabiex jezisti r-reat ta' truffa, mhux bizzejjed s-semplici gidba, il-kliem 'menzonjer', izda hu necessarju w essenzjali li jkun hemm wkoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita lil dik il-gidba. Dan l-att estern, jista jiehu diversi forom, kultant anke atti teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem t'intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament jqajjmu sentimenti kif hemm indikat fl-istess artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Irid ikun hemm l-messa 'n scena w ghalhekk, kif intqal, il-gideb wahedhom m'humiex sufficjenti. Iridu jkunu atti, inkluz kliem helu u perswassiv, li jwasslu lil xi hadd jemmen fl-ezistenza tal-haga msemmija mill-frodatur, liema haga in realta, ma tezistix. Minbarra l-gideb, ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, r-raggir jew s-simulazzjoni, li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji, kwazi teatrali u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi.*

*Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux bizzejjed il-kliem wahdu, izda dan il-kliem ghandu jkun dokumentat, studjat*

*u perswassiv. Ma dan t-tip ta' kliem ghandu jkun hemm xi haga esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, cioe apparent estern li jirrivesti bi kredibilita l-affermazzjoni menzonjera ta' frodatur.*

*Din il-messa 'n scena hi maghmula minn dawn l-artifizji jew raggiri idoneji li jinducu, u fil-fatt ikunu inducew, lil vittma fi zball, u li bhala rizultat ta'dan l-izball, il-vittma taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligh ghal agent frodatur.*"

Kif gie stabbilit u riaffermat fil-Qrati taghna, ikun hati ta' truffa min jaghmel uzu minn <u>kwalita falza</u> sabiex jaghmel qligh ghad-dannu ta' haddiehor.

Illi tenut kont ta' dan kollu li ghadu kif gie spjegat dwar x'jikkostitwixxi d-delitt ta'truffa tal-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tara, wara li ghamlet l-apprezzamenti taghha tal-fatti u provi rizultanti mill-atti, li f'dan il-kaz tal-imputat Simon Zammit, mhiex kwistjoni ta' xi gidba jew gideb semplici.

Ma jirrizultax li hu holoq dak li l-ligi ssejjahlu ezistenza t'intrapriza falza jew xi krediti mmaginarji. F'dan il-kaz, l-imputat ghamel negozju ma terzi persuni li ghal xi raguni jew ohra, pero civili, x-xoghol ma sarx skond s-sengha w l-arti u kien ghalhekk li nqalghu l-problemi. Hadd mix-xhieda prodotta ma qal li l-imputat dahaq bihom fis-sens li hadilhom l-flus taht xi pretest inveritier.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-elementi kostituttivi kollha rikjesti mill-ligi ghar-reat ta' truffa taht l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jissusistux,

Illi dwar l-akkuza li l-imputat huwa recidiv il-Qorti tiddikjara li peress li l-imputat m'instabx hati tal-akkuza principali ta' frodi w approprjazzjoni ndebita, din l-akkuza ma tistax tirrizulta ppruvata.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 18, 49, 50, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li**

**ma ssibx lil imputat SIMON ZAMMIT hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------